MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 256/2013

A B

vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Il-kontendenti nfirdu personalment permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Mejju 2009 in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Buttigieg (Dok A);
2. Fi klawsola numru tlieta (3) tal-att surriferit, il-kontendenti ftehmu illi l-attur ghandu jivversa lill-konvenuta s-somma ta' hamsa u sittin

Euro (€65) kull hmistax (15) -il jum; tali obbligu gie kwalifikat fi klawsola numru erbgha (4) tal-att fejn gie pattwit illi "*(…..) f'kaz li l-mara tkun tirrisjedi ma persuna ohra, il-manteniment taghha ma jkunx aktar dovut.";*

3. Kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-vertenza, il-konvenuta qeghda tirrisjedi ma persuna ohra, ma liema persuna hija ghandha wkoll relazzjoni intima u ghalhekk ikkomettiet adulterju. Minkejja dan, hija qeghda tirrifjuta illi ma tibqax tezigi l-manteniment pattwit. Ghaldaqstant kellha ssir din il-kawza;
4. Ai termini ta' digriet datat tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) (digriet numru 2376/13 in atti tal-ittra numru 1117/13 GG), l-istanti gie debitament awtorizzat minn din il-Qorti sabiex jipprocedi b'din il-kawza (Dok. B);
5. L-istanti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni opportuna u moghtija dawk il-provvedimenti kollha necessarji fic-cirkostanzi tal-kaz :

1. Tiddikjara, ai termini ta' klawsola erbgha (4) tal-kuntratt ta' firda personali tal-kontendenti, datat 6 ta' Mejju 2009 in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Buttigieg illi l-manteniment pagabbli lill-konvenuta proprio ma ghadux aktar dovut;
2. Tordna lill-istess konvenuta tirrifondi lill-attur kull somma ndebitament percepita minnha f'manteniment, relattivament ghall-perijodu illi hija kienet qeghda tghix ma persuna ohra;
3. Fuq l-istregwa tal-gurisprudenza ricenti in materia, tiddikjara inoltre illi wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' firda personali tal-kontendenti, datat 6 ta' Mejju 2009 in atti tan-Nutar Dottor Vanessa Buttigieg il-konvenuta kkommettiet adulterju;
4. Tippronunzja konsegwentement, fit-termini tal-Art. 38 tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta, s-separazzjoni personali, ossia l-firda, bejn il-kontendenti minhabba l-adulterju kommess mill-konvenuta;
5. Tiddikjara ghalhekk illi l-konvenuta ddekadiet permanentement mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha b'effett minn tali data jew b'effett minn kwalsiasi data ohra stabbilita minn din il-Qorti;
6. Tapplika konsegwentement fil-konfront tal-konvenuta d-dispost tal-Art. 48 (1) (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi tiddikjara illi l-

konvenuta tilfet il-jedd li iggieghel lill-attur, f'kull kaz, li jaghtiha manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

7. Tordna lill-istess konvenuta tirrifondi lill-attur kull somma, ndebitament percepita minnha f'manteniment wara illi ddekadiet mid-dritt li tircievi l-istess manteniment kif fuq intqal;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tinsab minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Illi r-risposta guramentata u kontro-talba tal-konvenuta gew sfilzati permezz ta' provvediment moghti mill-Qorti fis-26 ta' Gunju 2014;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha kawza fejn l-attur qed jitlob (fost talbiet ohrajn) dikjarazzjoni  li klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni giet fis-sehh u li konsegwentement m'hemmx aktar obbligu da parti tal-istess attur li jhallas manteniment lill-intimata.

**<u>Il-VERZJONI TAL-ATTUR</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[1] l-attur jiddikjara li hu u l-intimata sseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku u permezz ta’ tali kuntratt ftehmu li ghandu jivversa manteniment, b’dan li jekk l-istess intimata tibda tghix ma’ persuna ohra, l-manteniment taghha ma jibqax aktar dovut. Jghid li fis-sena 2013 dahallu suspett li martu kienet qed tghix ma’ ragel iehor u kien ghalhekk li qabbad lis-socjeta’ O. Abela International Investigators (Malta) biex jinvestigaw dan. Jghid li l-investigazzjoni saret, bdiet fit-2 ta’ Lulju 2013 u damet ghaddejja ghal gimgha u nofs u rrapurtawlu (b’dan li hejjew rapport) li Antoine Ciangura hareg minn gewwa l-fond ‘St. Mary’ Triq F.S. Caruana Birkirkara fis-6.55am ghal aktar minn erbat (4) ijiem wara xulxin, li l-karozza tieghu kienet dejjem ipparkjata fil-vicin, miksija bin-nida u bil-magna kiesha u li dan ifisser li l-istess imsemmi Antoine Ciangura kien raqad hemm. Isemmi episodju precedenti ghall-investigazzjoni fejn hu stess, b’vettura li m’hijiex proprjeta’ tieghu, mar jivverifika jekk l-intimata tghix ma’ dan Antoine Ciangura u wara li rahom fuq il-bejt, rahom hiergin flimkien mill-istess dar u telqu bl-istess vettura. Jzid jghid ukoll li ra lill-intimata u lil Antoine Ciangura hiergin mill-fond imsemmi flimkien u kienu libsin ghall-harga. Jghid li m’huwiex gust li jibqa’ jhallas ghal manteniment li mhux dovut u ilu jhallas tali manteniment (minkejja li mhux dovut) sa’ mit-2 ta’ Lulju 2013.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM IL-QORTI

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kuntratt ta’ separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet datat is-6 ta’ Mejju 2009 esebit[2] li fuqu hija msejsa l-kawza odjerna.

[1] Esebit a fol 17 tal-process

[2] Ara a fol 4 tal-process

Apparti l-kuntratt imsemmi u x-xiehda tal-attur permezz tal-affidavit tieghu, l-prova li jesebixxi l-attur huwa r-rapport maghmul mill-agenzija ta' investigazzjoni O.Abela Investigators[3]. Minn tali rapport jirrizulta li nhar it-3 ta' Lulju 2013 Antoine Ciangura hareg mill-fond 'St. Mary' fi Triq F.S. Caruana B'Kara fis-7.00am. Rikeb il-vettura tat-tip Toyota Corsa bil-lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 463 u saq lejn il-Mosta. L-ghada, l-investigaturi osservaw il-vettura msemmija li kellha n-nida fuqha bil-magna kiesha u li l-imsemmi Antoine Ciangura rega' hareg mill-istess fond ghall-habta tal-istess hin. Fir-raba' gurnata regghu sabu l-istess vettura bin-nida u waslu ghall-konkluzjoni li l-istess vettura kienet ghamlet il-lejl kollu barra. Antoine Ciangura rega' hareg mill-fond imsemmi approssimament fl-istess hin. Fil-hames gurnata l-vettura ta' Antoine Ciangura regghet kienet ipparkjata barra b'dan li l-istess Antoine Ciangura deher hiereg mill-appartament. Dan kollu huwa kkorraborat minn *dvds* u ritratti li huma formanti parti mir-rapport innifsu.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz Odjern</u>**

Il-qorti tirrileva li l-mertu principali tal-kawza odjerna jdur fuq il-kwistjoni jekk l-attur irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimata qieghda tghix ma' ragel iehor u li konsegwentement il-manteniment li l-istess attur qed jivversa lejha m'ghadux dovut. Kemm permezz tal-affidavit tieghu kif ukoll permezz tar-rapport prezentat in atti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimata m'hijiex qed tghix wahedha imma li qed tghix mal-imsemmi Antoine Ciangura. Il-fatt li l-imsemmi Ciangura johrog mid-dar fl-istess hinijiet juri rutina stabbilita fil-gurnata tieghu. Il-fatt li l-vettura kienet dejjem ipparkjata vicin id-dar tal-intimata b'dan li kellha n-nida fuqha u l-magna kienet kiesha jkompli juri wkoll li l-imsemmija vettura kienet hemm ghal-lejl kollu. Tenut kont tal-fatt li fil-granet li saret l-

[3] Ara r-rapport esebit permezz ta' nota datata s-26 ta' Gunju 2014

investigazzjoni Antoine Ciangura hareg mid-dar tal-intimata approssimament fl-istess hin u tenut kont tal-fatt li l-istess vettura msemmija dejjem kienet ipparkjata fil-vicinanzi, l-qorti tqis li l-attur irnexxilu jipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimata qed tghix ma' ragel iehor u li konsegwentement skattat l-applikazzjoni ta' klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

L-attur qieghed jitlob ukoll rifuzjoni tal-flus li l-istess intimata ppercepiet f'manteniment meta tali ma kienx dovut. Dwar tali talba jirrizulta li huwa cert li ghall-anqas fit-3 ta' Lulju 2013 Antoine Ciangura kien qieghed jorqod fl-istess dar tal-intimata. Irid jigi rilevat li mill-provi u mill-atteggjament tal-istess Antoine Ciangura jidher li din ma kienitx haga ta' darba, fis-sens li dan it-terz raqad ghand l-intimata f'dik il-gurnata partikolari, anzi jirrizulta li hemm *pattern* u rutina fil-gurnata tieghu. Anke l-fatt li l-imsemmi Antoine Ciangura jidher li kien qed johrog l-iskart juri l-familjarita' ghaliex persuna li jorqod f'dar ta' darba (u li ma jghix hemm) mhux normali li jkun hu stess li johrog l-iskart. Il-fatt ukoll li mir-rapport u r-ritratti Antoine Ciangura ma jidher qatt b'xi basket li jista' jaghti l-kaz li kien qed jorqod ghand l-intimata b'mod temporanju huwa wkoll indikattiv tal-fatt li jidher li hemm rutina ta' mod ta' hajja. Mill-provi jirrizulta li tal-anqas, tali rutina kienet diga' fis-sehh nhar it-3 ta' Lulju 2013 u ghalhekk il-qorti ser tiehu tali data bhala d-data li minnha l-manteniment imhallas mill-attur versu l-intimata ma kienx aktar dovut.

B'referenza ghat-talba ta' dikjarazzjoni ta' adulterju fil-kuntest tal-Artikolu 38 tal-Kodici Civili, li jghid hekk;

"***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***"

il-Qorti tirrileva li ghalkemm m'hemm ebda dubju li l-intimata ghandha lil haddiehor f'hajjitha u li strettament, dan huwa meqjus bhala adulterju peress li l-partijiet huma biss separati u mhux divorzjati (ghall-anqas

minn dak li jirrizulta mill-atti), l-Artikolu 38 tal-Kodici Civili hawn fuq citat jitkellem fuq talba ghal separazzjoni li l-bazi taghha huwa l-adulterju. Fil-kaz odjern il-partijiet huma diga’ separati permezz ta’ kuntratt pubbliku u ghalhekk m’hemm ebda lok sabiex din il-qorti tidhol fi kwistjonijiet ta’ natura ta’ adulterju jew tort ghall-istess separazzjoni.

Naturalment, gialadarba l-qorti tara li hemm provi bizzejjed sabiex jigi dikjarat li l-intimata qed tghix ma’ ragel iehor, hemm ragunijiet bizzejjed biex jigi dikjarat ukoll li l-intimata anke fit-termini tal-klawsola numru 4 tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet, l-intimata tilfet id-dritt ta’ manteniment minghand zewgha proprju abbazi tal-fatt li hija tghix ma’ ragel iehor. *Stante* li l-istess kuntratt huwa kategoriku fis-sens li jiddikjara li tali manteniment ma jibqax dovut f’kaz li tghix ma’ terza persuna, allura l-kwistjoni ta’ dekandenza hija applikabbli u jirrizulta wkoll li l-intimata issa tilfet tali dritt ta’ manteniment b’mod permanenti.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAL HLAS TA’ MANTENIMENT LURA</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet esebit in atti u li permezz tieghu jirrizulta li l-istess attur obbliga ruhu li jhallas is-somma ta’ €65 kull hmistax bil-quddiem, liema manteniment joghla kull tliet (3) snin skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Skont ir-rapport tal-investigatur, jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimata kienet qed tghix ma’ Antoine Ciangura ghall-anqas mit-3 ta’ Lulju 2013. Dan ifisser li minn dak inhar sad-data ta’ din is-sentenza kienu ghaddew sena u tmien xhur. *Stante* li l-istess manteniment kellu jghola kull tliet (3) snin, l-attur jiddikjara permezz tal-affidavit tieghu li tali pagament issa jammonta ghal €72. Permezz tal-istess affidavit l-attur jghid li huwa baqa’ jhallas il-manteniment ghaliex ma jridx jirriskja li jmur il-habs. Tenut kont ta’ dan kollu, jirrizulta ghalhekk li fil-perjodu ta’ bejn it-3 ta’ Lulju 2013 u d-data tas-sentenza odjerna, l-attur hallas is-somma ta’ elfejn Euro, tmien mija u tmenin euro (€2880) zejda lill-intimata bhala manteniment lejha li fil-verita’ ma kienx ghadu dovut abbazi tal-fatt li kienet qed tghix ma’ ragel iehor.

**DWAR ID-DEKADENZA TAL-INTIMATA**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-partijiet huma diga’ separati u konsegwentement m’hemmx lok li l-istess qorti tidhol fi kwistjoni dwar x’wassal ghas-separazzjoni taghhom u min ghandu jitghabba bir-responsabbilita’ tat-tifrik tal-istess zwieg. Tenut kont tal-fatt li l-partijiet resqu ghal kuntratt pubbliku u tenut kont li l-istess partijiet diga’ xoljew il-komunjoni tal-akkwisti u ilhom separati ghal numru ta’ snin, il-qorti ma tarax ghaliex ghandha tidhol fi kwistjonijiet ta’ dekandenza, meta l-istess Artikolu hawn fuq citat jindika li l-applikazzjoni tieghu hija fiz-zmien ta’ qabel ma ssir is-separazzjoni personali bejn l-istess partijiet u mhux wara li jkunu diga’ sseparaw.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li *ai termini* tal-klawsola numru erbgha (4) tal-kuntratt ta' firda personali tal-partijiet il-manteniment pagabbli lill-intimata m'ghadux aktar dovut;

[2] Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimata tirrifondi lill-attur kull somma vversata lilha mill-attur fil-perjodu ta' bejn it-3 ta' Lulju 2013 sad-data tas-sentenza prezenti;

[3] Tilqa' it-tielet talba;

[4] Tichad ir-raba' talba;

[5] Tilqa' l-hames talba b'dan li jigi dikjara li l-istess intimate ddekadiet mid-dritt taghha ta' manteniment fit-3 ta' Lulju 2013;

[6] Tichad is-sitt talba;

[7] Tilqa' s-seba' talba u tordna lill-intimata thallas lill-attur is-somma ta' elfejn Euro, tmien mija u tmenin euro (€2880) rapprezentanti l-ammont imhallas minnu fil-perjodu ta' bejn it-3 ta' Lulju 2013 'il quddiem bhala manteniment li ma kienx dovut.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------